**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 889/02**

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhal Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Anthony Scerri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm500.47 (hames mitt lira Maltin u seba u erbghin centezmu) rapprezentanti import ta' 7 (seba) kambjali minnu accettati u iffirmati li d-data ta' maturita' taghhom skadiet u ma gewx imhallsa (Dok 1 sa Dok 7) prezz ta' karozzi lilu mibjugha u konsenjati.

Bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluz l-ammont ta' Lm5.75 ta' ittra interpellatorja kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr John Buttigieg jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm500.47 (hames mitt lira Maltin u seba u erbghin centezmu) import ta' 7 (seba) kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**